# Diskors mill-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima

## fl-okkażjoni tal-iffirmar tal-ftehim għat-tmexxija tas-Salina

## 21 ta' Awwissu 2018

Ministri, Kapijiet ta' Dipartimenti, ħaddiema u voluntiera, membri tal-midja,

Qegħdin hawn is-Salina, post li għal għexieren ta' snin serva biex jipproduċi l-melħ. Il-melħ li sekli ilu u sa ftit snin ilu kien jitqies bħala deheb għax kulħadd jaf li kien iservi biex jippreserva l-ikel li tant kien bżonjuż għall-baħħara u l-ikel meta kien skars fi żminijiet ta' kriżi.

Illum s-Salina qiegħda fil-mira ta' proġett ieħor – proġett, din id-darba, mhux ta' qerda jew kostruzzjoni iżda ta' tisbiħ: proġett li żewweġ l-istorja u l-kultura mal-ħolma li dan is-sit iservi ta' kenn naturali, attrazzjoni turistika, ċentru edukattiv u post ta' importanza naturali. Din il-ħolma ser issir realtà grazzi għall-isforzi ta' kulħadd, b'mod speċjali tal-Gvern li għaraf l-importanza ta' dan kollu.

Mhux ser ikun faċli li dan il-proġett jirnexxi. Din hija l-ikbar riserva naturali f'Malta u n-natura u d-dinamika tas-sit jirrikjedu attenzjoni kontinwa u ċerta loġistika. Madanakollu ċerti li ser insibu l-għajnuna tal-gvern ċentrali li mingħajru dan il-proġett ma jistax jitkompla.

Għaliex is-Salina? Is-sit tas-Salina jista' jservi mhux biss biex jattira persuni u familji li huma interessati jaraw salini antiki imma anke biex josservaw l-għasafar li jqattgħu żmien f'pajjiżna.

Il-pjan tagħna huwa li nattiraw, permezz ta' tibdiliet żgħar, il-Fjamingu u għasafar oħra tax-xatt u tal-ilma biex ibejtu fis-Salina bħalma rnexxielhom jagħmlu pajjiżi ġirien.

Dan għandu tifsira akbar fid-dawl li f'dawn l-aħħar ġimagħtejn pajjiżna seta' serva ta' kenn għal Fjamingi u Ċikonji. Infatti, b'xorti ħażina nafu li ġara l-oppost, almenu fejn jidħlu ċ-Ċikonji.

Immaġinaw dan il-post indukrat b'aktar siġar u arbuxxelli u għasafar ibejtu u jpassu. Immaġinaw li maġenb dan l-ispettaklu naturali nerġgħu naraw il-produzzjoni tal-melħ fuq skala limitata biex nuru kif kienu jagħmlu l-melħ missirijietna.

Dan hu pajjiż żgħir, b'popolazzjoni kbira. Huwa fid-dover tagħna li nippreservaw postijiet miftuħa u li nżidu l-potenzjal tagħhom. Il-bniedem ma jgħixx ġo bozza, għandu bżonn l-ambjent ta' madwaru biex jimraħ.

Ftakru li l-maġġoranza l-kbira tan-nies iridu dawn il-proġetti, u huma favur dawn l-inizjattivi.

Nerġa' nirringrazzja lil kull min għamel dan il-proġett possibbli.

BirdLife Malta, li hi l-akbar NGO ambjentali f'Malta, se tkompli taħdem biex flimkien mal-*istakeholders* u b'mod partikolari mal-Gvern inħarsu u ntejbu l-ambjenti naturali ta' pajjiżna. Investiment fil-futur, investiment fil-ġejjieni u tisbiħ ta' pajjiżna.

Grazzi lilkom.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org